



www.emcdda.eu.int

Objettiv droga

Ġabra fil-qosor taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

Overdose – kawża maġġuri ta' mewt evitabbli fost iż-żgħażaġh

Mewt relatata mad-droga hija fenomenu kumpless li jinkludi kemm mewt b'riżultat ta' overdose kif ukoll mewt indirettament relatata mad-droga, per eżempju minn mard imxerred permezz tat-tqassim ta' strumenti ta' injezzjoni, bħall-AIDS u l-epatite, u minn aċċidenti, vjolenza u suwiċidju taħt l-influenza tad-droga.

Ġew diretti sforzi konsiderevoli lejn it-tnaqqis ta' atteġġjament riskjuż fir-rigward ta' l-HIV fost persuni li jagħmlu użu mid-droga u dawn flimkien ma' titjib f'terapiji tad-droga kellhom impatt fuq il-mortalità ġenerali. Sal-preżent, l-overdose tad-droga ma rċevitx l-istess attenzjoni u issa fl-UE in ġenerali, l-overdose hija l-kawża ta' ħafna iktar imwiet fost persuni li jabbużaw mid-droga billi jinnettawha fil-vina, minn kwalunkwe kawża oħra, inkluża l-AIDS.

Mill-1990 kien hemm madwar 100,000 mewta akuta relatata mad-droga rrapportata fl-Ewropa tal-punent, li l-biċċa l-kbira tagħhom

jistgħu jiġu deskritti bħala *overdoses* ta' droga assoċjati mal-konsum ta' sustanzi b'bażi ta' loppju. F'xi pajjiżi, is-snin tal-ħajja mitlufa b'riżultat ta' overdose fost l-irġiel qegħdin joqorbu lejn dawk attribwibbli għal aċċidenti tat-traffiku.

L-Istrateġija tad-droga u l-pjan ta' azzjoni kurrenti fl-Unjoni Ewropea jimmiraw b'mod speċjali mwiet relatati mad-droga. Għalkemm huwa dubjuż il-livell milħuq li kien jirrikjedi tnaqqis sostanzjali f'imwiet b'riżultat ta' overdose, ħafna pajjiżi stabbilixxew miżuri għat-tnaqqis ta' *overdoses* u jiddikjaraw dan bħala mira espliċita fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar id-droga. F'rakkomandazzjoni riċenti, il-Kunsill Ewropew jenfasizza din il-mira u jsejjaħ lil Stati Membri sabiex jagħmlu disponibbli firxa ta' miżuri li jistgħu jnaqqsu l-imwiet b'overdose.

Dawn il-miżuri jidhru li qegħdin jibdew iġibu riżultati, u jista' issa jiġi osservat xi tnaqqis

Fis-snin disġin, żdiedu b'mod konsistenti fl-Ewropa mwiet relatati mad-droga. Issa qegħdin naraw data li turi li mwiet b'riżultat ta' overdose qegħdin jiġu livellati jew saħansitra anke jonqsu. Dawn huma aħbarijiet inkoraġġanti, iżda ma nistgħux nibqgħu ineffettwati, ladarba mwiet b'riżultat ta' overdose jibqgħu f'livelli storikament għoljin u l-overdose tad-droga tkompli tirrappreżenta waħda mill-kawżi maġġuri ta' telf inevitabbli tal-ħajja fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa.

Marcel Reimen, President
Bord ta' Ġestjoni ta' l-EMCDDA

f'imwiet b'riżultat ta' overdose. Madankollu, in-numru ta' mwiet jibqa' f'livell storikament għoli u huma meħtieġa sforzi iktar sistematiċi jekk it-tnaqqis sostanzjali mitlub fil-pjan ta' azzjoni ta' mwiet b'riżultat ta' overdose għandu jintlaħaq.

Defnizzjoni

F'dawn l-istruzzjonijiet dwar il-politika, l-espressjoni 'mwiet b'riżultat ta' overdose' tirreferi għal imwiet ikkaġunati direttament mill-konsum ta' droga waħda jew iktar. Imwiet b'riżultat ta' overdose jseħħu, ġeneralment, f'qasir żmien wara l-konsum tas-sustanza(i). Dawn l-imwiet huma magħrufa bħala 'avvelenamenti' jew 'imwiet ikkaġunati mid-droga'. Id-defnizzjoni ta' l-EMCDDA ta' mwiet relatati mad-droga tirreferi għal dawn il-każijiet u ma tinkludix f'din il-miżura dawk l-imwiet indirettament relatati ma' l-użu tad-droga.

Riżultati prinċipali

1. L-overdose tad-droga, li tinvolvi fil-biċċa l-kbira sustanzi b'bażi ta' loppju, hija kawża maġġuri ta' mwiet fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, fejn iktar minn 8,000 mewta ta' dan it-tip huma rreġistrati kull sena, u hija fil-preżent il-kawża prinċipali ta' mewt fost persuni li jittaqqbu.
2. Vittmi ta' overdose huma fil-biċċa l-kbira rġiel ta' età bejn l-20 u l-40 sena, li fil-maġġoranza tal-każijiet jittaqqbu b'sustanzi b'bażi ta' loppju, u ħafna drabi m'għandhomx dar jew huma marġinalizzati. Il-maġġoranza tal-fatalitajiet relatati ma' l-eroina jseħħu fost utenti b'iktar esperjenza u iktar dipendenti li jikkombinaw drogi oħrajn, partikolarment l-akoħol u benzodijazepini ma' l-eroina.
3. Il-progress li sar fl-identifikazzjoni u fid-defnizzjoni tal-fatturi tar-riskju u tas-sitwazzjonijiet ta' riskju għal overdoses tad-droga jindika li proporzjon sostanzjali ta' mwiet b'riżultat ta' overdose jista' jiġi pprevenut.
4. Il-provi juru li firxa wiesgħa ta' miżuri tista' tkun effettiva fit-tnaqqis ta' l-overdose tad-droga. Barra minn hekk, in-ġenerali, interventi għall-prevenzjoni ta' overdose, inklużi miżuri edukattivi u strateġiċi li jistgħu jnaqqsu l-moralità u l-morbidità, qegħdin isiru iktar komuni.
5. It-tnaqqis ta' mwiet relatati mad-droga huwa mira ta' politika tas-saħħa pubblika ta' l-UE u ta' l-Istati Membri tagħha.
6. Għalkemm in-numru ġenerali ta' mwiet b'riżultat ta' overdose fl-UE jibqa' għoli ħafna, ġiet osservata fis-snin riċenti xejra pożittiva f'xi pajjiżi. Xi Stati Membri ġodda jistgħu jiffaċċjaw żvilupp simili għal dak osservat f'pajjiżi Ewropej tal-punent fil-bidu ta' l-epidemija ta' l-eroina.

1. Imwiet b'riżultat ta' overdose u sustanzi involuti

Iktar minn 8,000 mewta akuta relatata mad-droga huma rrapportati kull sena fl-Ewropa. Bejn l-1990 u l-2002, kważi 100,000 mewta akuta relatati mad-droga ġew irrappurtati lill-EMCDDA mill-15-il Stat Membru l-antiki' ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn il-figuri jirrappreżentaw il-firxa minima ta' mwiet b'riżultat ta' overdose fl-Ewropa, minħabba li x'aktarx hemm nuqqas ta' rappurtar f'ħafna pajjiżi. L-overdose hija l-kawża prinċipali ta' mewt fost utenti ta' l-eroina fl-UE in ġenerali, u teċċedi bil-kbir it-telf tal-ħajja minn kondizzjonijiet oħra bħall-AIDS. Waqt li l-HIV/AIDS tibqa' tikkawża problemi konsiderevoli tas-saħħa fost persuni li jagħmlu użu mid-droga billi jittaqqbu, kien hemm madwar 1,507 imwiet fost każijiet ta' l-AIDS dovuti għal injezzjoni tad-droga fl-2000 ipparagunati ma' total ta' 8,838 mewta ta' overdose.

Sustanzi b'bażi ta' loppju huma preżenti fil-maġġoranza vasta ta' l-imwiet b'overdose irregjstrati fl-Ewropa u probabbilment jiżvolġu rwol prinċipali, għalkemm ħafna drabi jinstabu kkombinati ma' sustanzi oħra f'vittmi ta' overdose.

Overdose ta' sustanzi b'bażi ta' loppju hija waħda mill-kawżi prinċipali ta' mewt fost iż-żgħażaġh, partikolarment irġiel f'żoni urbani, f'ħafna pajjiżi ta' l-UE. Studji f'xi bliet Ewropej stmaw li l-imwiet b'riżultat ta' overdose kienu jiffurmaw 15% (Munich fl-1995), 17% (Barcellona fl-1995) jew 33% (Greater Glasgow fl-2003) ta' l-imwiet kollha fost irġiel ta' bejn il-15 u l-35 sena.

L-imwiet b'riżultat ta' overdose f'komunità jiddependu fuq in-numru ta' persuni li jittaqqbu (milli sempliċiment fuq il-popolazzjoni in ġenerali) u fuq inċidenza ta' overdose u rati ta' mortalità fost dawk li jittaqqbu. Il-monitoraġġ ta' dawn il-parametri huwa neċessarju sabiex jiġu mifhuma bidliet f'imwiet b'riżultat ta' overdose u l-impatt ta' interventi.

Overdoses b'riżultat ta' sustanzi b'bażi ta' loppju, li jeffettwaw l-iktar liż-żgħażaġh, huma l-kaġun ta' numru konsiderevoli ta' snin potenzjali ta' ħajja mitlufa. Per eżempju, fl-Ingilterra u f'Wales fl-1995, overdose ta' sustanzi b'bażi ta' loppju kienet stmata li tirrappreżenta 5 % tas-snin kollha ta' ħajja mitlufa minn irġiel, u kienet toqrob lejn it-telf ta' ħajja dovuta għal aċċidenti tat-traffiku.

Barra mill-overdose, persuni li jagħmlu użu minn sustanzi b'bażi ta' loppju, partikolarment dawk li jittaqqbu, huma f'riskju miżjud ta' mewt mill-AIDS u kawżi oħra, li jinkludu vjolenza, aċċidenti u suwiċidji. Il-mortalità globali tagħhom hija madwar 10-20 darba ogħla meta pparagunata mal-popolazzjoni ġenerali ta' l-istess età.

Xi studji sabu li 20-30% ta' utenti attivi ta' l-eroina esperjenzaw overdose mhux fatali fis-sena preċedenti, u 50-70% mill-inqas darba f'ħajjithom. Huwa stmat li madwar 5% ta' l-overdoses minn sustanzi b'bażi ta' loppju huma fatali.

2. Il-karatteristiċi ta' vittmi ta' overdose

Fl-UE, il-biċċa l-kbira ta' vittmi ta' overdose huma persuni ta' età żgħira, bl-età bejn 20 u 45 sena, b'età medja fit-tletinijiet. Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi huma rġiel, li jvarjaw bejn 70% u 93% f'pajjiżi differenti ta' l-UE.

Studji varji sabu mortalità ogħla fost utenti rġiel ta' sustanzi b'bażi ta' loppju meta pparagunat ma' utenti nisa. Ftit minn dawn id-differenzi bejn is-sessi jistgħu jiġu spjegati minn livelli ogħla ta' atteġġjament riskjuż fost l-irġiel, inkluż il-bidu kmieni ta' użu, użu ta' polidroga u ta' alkoħol, titqib meta weħidhom u livell ogħla ta' inkarċerazzjoni.

Imwiet b'riżultat ta' overdose x'aktarx iseħħu fost utenti b'esperjenza, u utenti b'dipendenza iktar severa, iktar milli fost utenti iżgħar u mingħajr esperjenza.

Fil-biċċa l-kbira ta' pajjiżi ta' l-UE, vittmi ta' l-overdose jidhru li qegħdin ikunu ikbar fl-età, u dan jissuġġerixxi 'effett globali ta' anzjanità'. Il-Finlandja u, f'livell inqas, il-Greċja u r-Renju Unit huma eċċezzjonijiet għal din ix-xejra, li tista' turi inċidenza miżjuda ta' użu ta' sustanzi b'bażi ta' loppju fi snin riċenti f'dawn il-pajjiżi.

3. Iċ-ċirkostanzi ta' overdoses huma magħrufa sewwa

L-użu ta' sustanzi b'bażi ta' loppju permezz ta' titqib iżid b'mod konsiderevoli r-riskju ta' overdose; l-użu ta' l-eroina permezz tat-tipjip jew ta' l-inalazzjoni jista' jikkawża overdoses iżda r-riskju huwa konsiderevolment iktar baxx.

Għalkemm l-ammont ta' eroina kkunsmata jidher li jiżvolġi rwol f'imwiet b'riżultat ta' overdose, livelli ta' l-eroina fid-demm ta' vittmi ta' overdose ivarjaw b'mod konsiderevoli u f'ħafna vittmi jinsabu li huma relattivament baxxi. Il-kombinazzjoni ta' l-eroina ma' drogi oħra, li twassal għal tossiċità ta' polidroga, hija kkunsidrata fattur maġġuri ta' riskju f'overdoses ta' l-eroina. Drogi partikolarment assoċjati ma' tossiċità ta' polidroga jinkludu depressivi CNS oħra, notevolment l-alkoħol u l-benzodjażepini.

L-użu mill-ġdid ta' l-eroina wara perjodu ta' astinenza, b'mod partikolari wara trattament ta' disintossikazzjoni jew żmien fil-ħabs, ġie identifikat bħala fattur importanti ieħor ta' riskju għal overdose ta' droga. Tul perjodi ta' astinenza,

Tħassib reali għandu jkun li mingħajr investiment f'waqtu f'reazzjonijiet ippruvati u effettivi l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE jistgħu ilestu rwieħhom sabiex jiffaċċjaw żidiet f'imwiet b'riżultat ta' overdose simili għal dawk osservati fis-snin tmeninijiet u disġhinijiet fil-pajjiżi Ewropej tal-punent.

Georges Estievenart,
Direttur Eżekuttiv ta' l-EMCDDA

it-tolleranza ta' l-utent għal sustanzi b'bażi ta' loppju tintilef, fatt li l-utenti jistgħu ma jkunux jafu jew jinjorawh.

Ir-rati ta' suwiċidju huma għoljin fost utenti ta' droga li jittaqqbu. Persuni li jagħmlu użu mid-droga bi storja ta' depressjoni huma partikolarment vulnerabli.

Dawk li jittaqqbu f'postijiet pubbliċi jidhru li huma iktar taħt riskju ta' overdose; it-titqib fil-pubbliku huwa iktar probabbli fost dawk mingħajr dar u partikolarment marġinalizzati.

Xi utenti ta' sustanzi b'bażi ta' loppju jirrapportaw overdose frekwenti mhux fatali u dan il-grupp x'aktarx ikun sproporzjonatament taħt riskju li jesperjenza overdose fatali sussegwenti.

Minħabba li ħafna overdoses b'riżultat ta' sustanzi b'bażi ta' loppju jseħħu fil-preżenza ta' utenti oħra, teżisti opportunità għal intervent f'waqtu. Madankollu, studji juru li dawk li jkunu xhieda ta' overdoses tad-droga ħafna drabi jirreaġixxu b'mod inapproprijat jew ma jirreaġixxu f'waqtu. Raġunijiet għal dan jinkludu nuqqas ta' taġħrif, diffikultà fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjoni ta' overdose u biża' minn intervent tal-pulizija.

4. Ħafna mwiet b'riżultat ta' overdose jistgħu jiġu prevenuti

Riċerka taċ-ċirkostanzi ta' overdoses appoġġat l-iżvilupp ta' interventi li jimmiraw sitwazzjonijiet jew individwi taħt riskju u flimkien huma kapaċi jilħqu tnaqqis konsiderevoli fl-imwiet li jseħħu mill-effetti immedjati ta' l-abbuż tad-droga.

Iż-żieda fil-proporzjon tat-trattament ta' persuni li jabbużaw mid-droga, speċjalment il-proporzjon ta' persuni li jagħmlu użu mill-eroina fi trattament għas-sostituzzjoni ta' sustanzi b'bażi ta' loppju, tista' tnaqqas il-frekwenza ta' mwiet b'riżultat ta' overdose.

Li jintlaħqu popolazzjonijiet mhux trattati ta' persuni li jabbużaw mid-droga u li dawn

jinġiebu f'kuntatt ma' servizzi tad-droga huwa pass importanti li jgħin lil persuni li jagħmlu użu mid-droga sabiex jiġu edukati dwar kif jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' riskju u sabiex jiġu motivati biex jidħlu għall-kura. Stimu individwali ta' riskju ta' *overdose* għandhom isiru kwistjoni ta' prijorità.

Persuni li jagħmlu użu mid-droga jeħtieġ li jiġu esposti għal messaġġi ta' prevenzjoni mi bnija b'mod approprijat li jindirizzaw aspetti differenti ta' atteġġjament ta' riskju. Espożizzjoni ripetuta x'aktarx tirriżulta f'bidla fl-atteġġjament. Il-messaġġ għat-tnaqqis tat-titqib għandu jiġi enfazzat.

Hemm il-ħtieġa li l-kapaċitajiet ta' persuni li jagħmlu użu mid-droga jittejjbu sabiex jirrikonoxxu *overdoses* fi sħabhom u kif għandhom jirreaġixxu b'mod approprijat. Dan jinkludi li tiġi pprovduta l-ewwel għajnuna bażika, bħat-tqegħid tal-vittmi fil-pożizzjoni ta' rkupru u l-istennija mal-vittma sakemm tasal l-ambulanza. Protokollu għal attendenzi tal-pulizija f'avvenimenti ta' *overdose* għandhom jassiguraw li dawk li jkunu xhieda ta' *overdose* ma jibżgħux isejh ambulanza. Xi pajjiżi introduċew faċilitajiet għas-sorveljanza ta' konsum tad-droga minn personal imħarreġ. Persuni li jittaqqbu li jużaw dawn il-faċilitajiet jevitaw ir-riskji li huma assoċjati ma' titqib f'postijiet pubbliċi. Madankollu, id-dispożizzjoni ta' din it-tip ta' miżura tibqa' kontroversjali.

Il-potenzjal ta' miżuri oħra li jidher li hemm ħsieb tajjeb għalihom jeħtieġ li jiġi esplotat. Per eżempju, hija meħtieġa riċerka sabiex tirrisolvi kwistjonijiet importanti dwar it-tqassim

bejn il-ħbieb ta' antagonisti għal sustanzi b'bażi ta' loppju (naloxone).

In ġenerali, il-provi jissuġġerixxu b'mod ċar li tnaqqis sinifikanti f'*overdose* ta' droga jintlaħaq biss permezz ta' l-implimentazzjoni ta' firxa ta' interventi li jistgħu jimmiraw aspetti differenti ta' l-atteġġjamenti assoċjati tar-riskju. Jeħtieġ li l-prevenzjoni ta' l-*overdose* tiffirma parti minn approċċ komprensiv għar-reazzjoni għal persuni li jagħmlu użu mid-droga li tinkludi miżuri sabiex jiġu indirizzati l-problemi iktar wiesgħa tas-saħħa u soċjali li dan il-grupp jiffaċċja.

5. It-tnaqqis ta' l-imwiet -mira prinċipali Ewropea tal-politika tas-saħħa pubblika

L-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-droga 2000-2004 tindirizza t-tnaqqis ta' konsegwenzi severi għas-saħħa mill-użu tad-droga u tinkludi t-tnaqqis sostanzjali tul ħames snin tan-numru ta' mwieta relatati mad-droga bħala mira. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-UE tat-18 ta' Ġunju 2003 tenfasizza l-ħtieġa għall-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' ħsara relatata mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza fuq id-droga u ssejjaħ lil Stati Membri sabiex jimplimentaw firxa ta' servizzi konkreti u faċilitajiet, li partikolarment jimmiraw lejn it-tnaqqis ta' mwieta b'riżultat ta' *overdose*.

Huwa inkoraġġanti li din il-mira sabet aċċettazzjoni rapida fost Stati Membri u ħafna pajjiżi inkludew it-tnaqqis tan-numru ta' mwieta bħala mira fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom tad-droga.

6. Xejriet f'imwiet b'riżultat ta' overdose fl-Ewropa

In-numru ta' mwieta minn *overdose* tad-droga fil-15-il Stat Membru "l-antiki" ta' l-UE żdied b'mod notevoli tul is-snin tmenin u kmieni fis-snin disgħin, li probabbilment jirrifletti espansjoni rapida ta' injezzjoni ta' eroina f'ħafna pajjiżi. Ix-xejra ġenerali ta' żieda kompliet f'nofs is-snin disgħin u tard fis-snin disgħin, għalkemm b'rata inqas immarkata. Fis-sena 2000, 8,838 mewta kienu rrapportati fil-pajjiżi ta' l-UE, f'kuntrast ma' 6,284 fl-1990, li jimplika żieda ta' 40% f'imwiet b'*overdose* tul dan il-perjodu.


Bejn l-2000 u l-2001/2002, ħafna pajjiżi ta' l-UE rrapportaw xi tnaqqis fin-numri ta' mwieta b'riżultat ta' *overdose*; data iktar riċenti iżda preliminari tissuġġerixxi li din ix-xejra qiegħda tkompli. Madankollu, f'livell ta' l-UE, imwiet minn *overdose* jibqgħu f'livelli storikament għoljin (8,306 fl-2001, is-sena l-iktar riċenti b'data paragonabbli).

Dan it-tnaqqis riċenti kien attribwit minn xi pajjiżi għal dispożizzjoni miżjuda fit-trattament u, b'mod partikolari, trattament ta' sostituzzjoni, miżuri għat-tnaqqis tal-ħsara, livelli mnaqqsa ta' injezzjoni ta' droga u tnaqqis fid-disponibbiltà u fil-purità ta' l-eroina.

Per eżempju, Franza u Spanja rrapportaw tnaqqis konsistenti ta' mwieta ta' *overdose* minn nofs is-snin disgħin. Għalkemm il-kopertura jew ir-rappurtar f'dawn il-pajjiżi jistgħu jkunu limitati, huwa xieraq li wieħed josserva li ż-żewġ pajjiżi huma fost dawk bi proporzjonijiet ogħla stmati ta' persuni li jagħmlu użu minn sustanzi b'bażi ta' loppju fi trattament ta' sostituzzjoni (iktar minn 50%). It-tnaqqis għal ħames darbiet f'imwiet b'riżultat ta' *overdose* irregjistrat fi Franza bejn l-1994 u l-2002 huwa kkunsidrat li jirriżulta mill-aċċess miżjud għall-kura ta' persuni li jagħmlu użu mid-droga wara l-espansjoni massiva ta' trattament ta' sostituzzjoni. Fi Spanja, iċ-ċaqliq konsiderevoli lil hinn mill-injezzjoni li ġie osservat minn kmieni fis-snin disgħin x'aktarx ukoll li żvolgja rwol importanti fit-tnaqqis globali ta' mwieta b'riżultat ta' *overdose*.

Stati Membri ġodda u Pajjiżi Kandidati jistgħu jkunu taħt riskju ta' xejra dejjem tiżdied fi mwieta b'riżultat ta' *overdose*, simili għal dik osservata fl-Ewropa tal-punent. Xi sinjali ta' tħassib li dan jista' diġà jkun qiegħed jiġri jistgħu jiġu osservati fl-Estonja u fis-Slovenja. Jekk l-Istati Membri ġodda għandhom jevitaw l-epidemija ta' l-*overdose* esperjenzata mill-Ewropa tal-punent, allura l-implimentazzjoni ta' firxa ta' miżuri effettivi għat-tnaqqis ta' riskju ta' *overdose* hija issa meħtieġa b'mod urġenti.

In-numru ta' mwieta b'riżultat ta' overdose tad-droga rrapportati lill-EMCDDA fil-15-il Stat Membru "antik" ta' l-UE u fin-Norveġja (1985-2001)



Noti: Ibbażati fuq definizzjonijiet nazzjonali, kif użati fir-Rapport Annwali ta' l-EMCDDA 2004. F'xi pajjiżi, il-figuri nazzjonali jinkludu xi każijiet ta' mwieta indirettament relatati ma' l-użu mid-droga.

Fonti: Rapporti annwali Reitox 2003, meħuda minn reġistri ta' mortalità ġenerali jew reġistri speċjali (forensiċi jew tal-pulizija).

Objettiv droga hija serje ta' rapporti politiċi ppubblikati miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA), li għandu s-sede tiegħu f'Lisbona. Dawn ir-rapporti huma ppubblikati sitt darbiet fis-sena, fl-20 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni u bin-Norveġiż. Il-lingwa oriġinali hija l-Ingliš. Il-kontenut tagħhom jista' jiġi riprodott basta li s-sors jingħata rikonoxximent.

Għal abbonament mingħajr ħlas, ikkuntattjawna permezz ta' l-e-mail: info@emcdda.eu.int

Rua da Cruz de Santa Apolónia 23-25, P-1149-045 Lisbona, Portugal

Tel. (351) 218 11 30 00 • Fax (351) 218 13 17 11

info@emcdda.eu.int • <http://www.emcdda.eu.int>

Konklużjonijiet

Overdose – kawża maġġuri ta' mewt evitabbli fost iż-żgħażaġħ Aspetti politiċi

1. L-importanza ta' overdose ta' droga qiegħda ssir dejjem iżjed rikonoxxuta, iżda għadha ma' rċevietx attenzjoni adegwata bħala kwistjoni ta' saħħa pubblika.
2. Huwa meħtieġ titjib ulterjuri fir-rappurtar ta' mwiet relatati mad-droga fil-livell tal-popolazzjoni, speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn ir-reġistri jibqgħu foqra. L-istima ta' aspetti oħra ta' mortalità relatata mad-droga hija meħtieġa, inklużi studji ta' follow up u l-istima ulterjuri ta' interventi innovattivi, bħall-użu ta' antagonisti għal sustanzi b'bażi ta' loppju.
3. Fatturi assoċjati ma' l-overdose huma magħrufa, kemm f'livell individwali kif ukoll komunitarju. Sustanzi b'bażi ta' loppju għadhom jiffurmaw il-biċċa l-kbira ta' mwiet b'riżultat ta' overdose, iżda l-kuxjenza dwar ir-rwol ta' sustanzi illeċiti u legali oħra f'imwiet ta' overdose għad trid tiżdied.
4. Li l-overdose tista' tiġi evitata għandha ssir messaġġ ċentrali u kwistjoni ta' prijorità għal servizzi tad-droga. Sabiex ikun hemm impatt sostanzjali fuq morbidità u mortalità relatati ma' overdose, mhux miżura singola iżda firxa ta' interventi x'aktarx li jkunu meħtieġa.
5. Inverżjonijiet riċenti fix-xejra 'l fuq għal żmien twil f'imwiet b'riżultat ta' overdose osservati f'xi Stati Membri x'aktarx jirriflettu kopertura miżjuda ta' trattament u livelli mnaqqsa ta' teħid tar-riskju, speċjalment l-injezzjoni.
6. L-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE li jistgħu jiffaċċjaw żidiet simili għal dawk osservati iktar kmieni fil-pajjiżi Ewropej tal-punent huma f'pożizzjoni li jevitaw dan jekk jinvestu fi programmi komprensivi infurmati mill-provi disponibbli dwar prattiki effettivi.

Fonti prinċipali

Advisory Council on the Misuse of Drugs (ACMD), 'Reducing drug-related deaths: A report by the Advisory Council on the Misuse of Drugs', Stationery Office, Londra, 2000.

Agence nationale d'accréditation et d'évaluation en santé (ANAES), 'Conférence de consensus : Stratégies thérapeutiques pour les personnes dépendantes des opiacés: place des traitements de substitution', Lyon, 23 u 24 ta' Ġunju 2004. Test ta' rakkomandazzjoni' (www.anaes.fr) (bil-Franċiż).

Bird, S.M., Hutchinson, S.J. u Golberg, D.J., 'Drug-related deaths by region, sex and age group per 100 injecting drug users in Scotland, 2000–2001', *Lancet*, Vol. 362, 2003, pp. 941–944.

Darke, S. u Hall, W., 'Heroin overdose: research and evidence-based intervention', *Journal of Urban Health*, Vol. 80(2), 2003, pp. 189–200.

European Centre for the Epidemiological Monitoring of AIDS, 'HIV/AIDS Surveillance in Europe', End-year report 2002, Nru 68, EuroHIV, Saint Maurice, 2003.

European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction (EMCDDA), 'Annual report 2004: the state of the drugs problem in the European Union and Norway', EMCDDA, Lisbona, 2004 (<http://annualreport.emcdda.eu.int>).

European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction (EMCDDA), 'European report on drug consumption rooms', EMCDDA, Lisbona, 2004 (<http://www.emcdda.eu.int/?nnodeid=1327>).

World Health Organization (WHO), 'Opioid overdose: trends, risk factors, interventions and priorities for action', WHO, Programme on Substance Abuse, Division of Mental Health and Prevention of Substance Abuse, Geneva, 1998.



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.eu.int

PUBBLIKATUR UFFIĊJALI: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej © Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2004.

DIRETTUR EŻEKUTTIV: Georges Estievenart

EDITUR: Peter Fay

AWTUR: Dagmar Hedrich, Julian Vicente

KUNĊETT GRAFIKU: Dulton Merrifield Ltd, ir-Renju Unit

Printed in Italy